KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 75**

**It-Tlieta 5 ta' Diċembru 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-18:00.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

## 75.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**75.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**75.01.02** Min-naħa tal-Kunsillier Carlo Stivala ma waslet l-ebda komunikazzjoni mingħandu dwar is-seduta tal-lum. Is-Sindku Scott Camilleri qal li għadna qed nistennew direzzjoni min-naħa tad-Diviżjoni dwar il-pożizzjoni tal-kunsillier.

## 75.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 73)

**75.02.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta l-minuti tal-laqgħa 73 lill-kunsilliera preżenti. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fil-minuti. Il-minuti tal-laqgħa annwali 74 se jkunu qed jiġu approvati fis-seduta li jmiss minħabba li l-laqgħa kienet għadha kemm spiċċat.

**75.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondat mill-Kunsillier Joseph Farrugia, il-minuti tal-laqgħa 73 ġew approvati unanimament.

## 75.03 Arising mill-minuti

**75.03.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar punt 73.06.02, fejn qal li l-attività ma saritx minħabba l-maltemp. Se tkun qed tiġi mħabbra data oħra f'Jannar.

**75.03.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet dwar punt 73.04.07, fejn qalet li s-siġra tal-Milied ma nxtratx għar-raġuni li Ambjent Malta taw siġra lil kull Kunsill Lokali għal din l-attività. Wara se tkun qed tiġi mħawla fil-lokal stess.

**75.03.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 73.06.07, fejn qal li hu bagħat lid-Diviżjoni hekk kif ġie deċiż mill-Kunsill. Illum stess, qabel is-seduta, reġa' bagħat tfakkira dwarha.

**75.03.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 73.10.03, fejn qal li hekk kif maqbul fl-aħħar seduta bagħat email lill-kunsilliera u dawn approvaw id-disponiment tal-assi li kienu mkissra jew m'għadhomx jiffunzjonaw. Dawn ġew disponuti, kif titlob il-proċedura.

**75.03.05** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 73.12.03, fejn fil-laqgħa li kellu mas-surġent tal-pulizija tal-komunità ġie maqbul l-ispeed limit ta' diversi toroq. Ġie deċiż li nimxu mal-minimu tal-veloċità, hekk kif issuġġerit mill-pulizija. Ma' dawn se jkun hemm tabelli tad-dead slow fit-toroq ta' viċin l-iskola u l-mużew tas-subien u tal-bniet.

**75.03.06** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem ukoll dwar punt 73.12.09, fejn qal li l-LESA offriet li timmoniterja s-CCTV fi Triq l-Għannejja, però s-CCTV, l-installazzjoni, u dak kollu marbut max-xiri u s-servizzi jrid isir mill-Kunsill. Il-Kunsillier Alex Caruana rrimarka li għal hemm kienet saret talba lil Transport Malta għal traffic management ġdid u li għadna qed nistennew l-approvazzjoni tagħhom.

**75.03.07** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 73.12.12, fejn wara l-laqgħa li kellu mas-surġent tal-pulizija tal-komunità, dawn kellmu diversi drabi lill-bejjiegħ tal-ħaxix li hemm fi Triq San Mikiel, kantuniera ma' Triq Santa Katarina. Meta dawn kellmuh, huwa qalilhom li l-kaxxi jkunu barra biss meta jkun qed iħotthom fil-ħanut tiegħu. Is-Sindku Scott Camilleri qal li se jkun qed jibgħat għalih sabiex nitkellmu miegħu.

**75.03.08** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar punt 73.12.04, fejn qal li l-kaxxa tal-muturi fi Triq il-Ġurġier ma saritx. Dan wara li l-Kunsillier Alex Caruana mar fuq il-post u tkellem mar-residenti. Dawn urew ix-xewqa li din ma ssirx. Għalhekk il-Kunsill qabel li din il-kaxxa tal-muturi ma ssirx hemm.

## 75.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**75.04.01** *20 tabella tal-PVC (Tħallix il-kelb iħammeġ barra)*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li hemm bżonn li jinxtraw 20 tabella tal-PVC biex tavża lill-pubbliku ġenerali biex ma jħallix il-kelb iħammeġ barra. Inġabru tliet kwotazzjonijiet u l-irħas waħda kienet kwotazzjoni A, li tiswa €206.50. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**75.04.02** *Żbir ta' 2 siġriet fi Triq il-Gżira u xogħol ta' manutenzjoni fis-soft area biswit il-kappella ta' San Ġorġ*: Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fl-aħħar seduta ġie deċiż li jinġabru kwotazzjonijiet għax-xogħlijiet imsemmija żoni. Inġabru tliet kwotazzjonijiet u l-irħas waħda kienet kwotazzjoni A, li tiswa €1,200. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 75.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**75.05.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar pagament numru 22. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li dan hu marbut mal-ispiża tal-insurance.

**75.05.02** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar pagament numru 13. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li dan hu marbut mat-trasport li l-Kunsill organizza għall-attività li saret Dar il-Mediterran, marbuta mat-30 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

*Petty cash:*

**75.05.03** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg, u sekondat mill-Kunsillier Alex Caruana, il-kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 75.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**75.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li Birżebbuġa kienet waħda mill-ewwel lokalitajiet li fiha bdew jintużaw l-ispeed guns mill-pulizija. Il-Kunsill Lokali se jkun qed iwaħħal diversi tabelli sabiex jindikaw l-ispeed li jistgħu jsuqu bih.

**75.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li issa twaħħal l-apparat il-ġdid fil-bandli tal-Bajja s-Sabiħa u qed nistennew iċ-ċertifikat mingħand il-perit tal-Kunsill biex ikunu jistgħu jibdew jintużaw.

**75.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-aħħar aġġornament li għandu dwar il-latrina ta' Wied il-Buni hu li issa lesta u se tinfetaħ fi żmien qasir.

**75.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill iltaqa' mal-perit tal-istess Kunsill fejn flimkien tkellmu dwar l-apparat għall-bandli l-ġdid ta' Tal-Papa u dwar il-junction tal-Qajjenza.

## 75.07 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**75.07.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet u rakkomandazzjonijiet.

## 75.08 Korrispondenza

**75.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill Lokali rċieva ittra legali mingħand avukat ta' residenta li waqgħet f'rampa li kienet saret żmien ilu f'Wesgħa Carmelo Caruana. Din l-ittra ġiet preżentata lill-avukat tal-Kunsill Lokali fejn flimkien mas-Sindku Scott Camilleri qed jaraw sew din l-ittra biex ikun jista' jirrispondi lura.

**75.08.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill Lokali rċieva email mingħand residenta li waqgħet f'toqba li kien hemm fuq il-bankina fi Triq Żarenu Dalli. Ir-residenta qed tfittex lill-Kunsill għad-danni li sofriet. Wara diskussjoni libera ġie maqbul li din it-toqba u l-periklu li ġie maħluq ma sarux mill-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jirrispondi lura li din it-toqba ma saritx mill-Kunsill Lokali u biex din ir-residenta tfittex lil min qed jieħu ħsieb dawn ix-xogħlijiet.

## 75.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**75.09.01** Ma kienx hemm punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 75.10 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**75.10.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet dwar ir-road hump fi Triq San Tumas. Il-Kunsillier Alex Caruana rrisponda billi qal li l-perit infurmah li se jaħdem fuqha.

**75.10.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li ġewwa l-latrina li hemm San Ġorġ hemm bieb imsakkar u ma jinfetaħx u hemm ukoll xi flushings li mhux qed jaħdmu. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jinforma lill-contracts manager.

**75.10.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet rigward ħajt fi Sqaq il-Ġurġier. Is-Sindku Scott Camilleri tkellem ma' diversi kunsilli oħra dwar il-proċess ta' meta jkollhom każ simili sabiex ikun jista' jaħdem fuqha.

**75.10.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li ġewwa Triq il-Qoton hemm xi ġrieden mejta f'għalqa. Il-Kunsillier Alex Caruana kkonferma li jaf b'dan il-każ. Is-Sindku Scott Camilleri għandu jibgħat lill-istaff tal-Kunsill fejn tinsab din l-għalqa.

**75.10.05** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li l-ħajt li fih kienet daħlet tal-linja, fi Triq Għar Dalam, issa tranġa sew. Però sid l-għalqa qed jitlob għal barrier peress li m'hemmx ilqugħ. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kienet diġà ntbagħtet talba lil Transport Malta. Fil-ġimgħat li ġejjin se ssir ukoll laqgħa ma' din l-istess entità.

**75.10.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li fil-jiem li għaddew bagħtet korrispondenza rigward il-bandli ta' San Ġorġ, hekk kif dawn ġew vandalizzati minn xi żgħażagħ. Ġie maqbul li tintbagħat email lill-pulizija sabiex iżidu r-ronda fl-inħawi.

**75.10.07** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Kunsill, għal darb'oħra, bagħat talba sabiex isiru flexi bollards fuq double yellow lines biswit il-garaxx tal-applikant li jkun talab għalihom. Għal darb'oħra rġajna rċivejna mingħand Transport Malta li bollards ħdejn il-bibien tal-garaxxijiet ma jistgħux isiru għax huwa każ t'infurzar.

**75.10.08** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li rċivejna korrispondenza dwar l-għeluq ta' Triq Santa Katarina minħabba xi xogħlijiet li qed isiru mill-Enemalta. Il-Kunsillier Alex Caruana ta spjegazzjoni dwar dawn ix-xogħlijiet u qal li dawn se jkunu lesti sal-ewwel ġimgħa ta' Jannar li ġej. Il-Kunsill Lokali qabel li tingħalaq it-triq, bil-kundizzjoni li filgħaxija tinfetaħ u li r-residenti jkollhom aċċess il-ħin kollu.

*Bħalissa s-18:45 u l-Kunsillier Joseph Farrugia talab sabiex jiġi skużat mis-seduta.*

## 75.11 Proġetti u skemi

**75.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li fil-bandli ta' Ġnien il-Kunsill Lokali se jkun hemm għaxar biċċiet t'apparat rikreattiv. Il-Kunsillier Alex Caruana ta aġġornament ta' fiex waslu x-xogħlijiet fil-ġnien.

## 75.12 Edukazzjoni, saħħa, indafa u ambjent

**75.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-Kunsill Lokali rċieva korrispondenza mingħand persuna li tixtieq tibda toffri lezzjonijiet tal-make-up ġewwa l-Kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu li l-Kunsill joffri parti mill-binja tiegħu biex isiru dawn il-lezzjonijiet.

**75.12.02** Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li ġewwa Triq F.M. Ferretti qed ikun hemm rapporti ta' diversi vandaliżmu. Ġie maqbul li għandha ssir tabella biex ma jintremiex skart hemmhekk.

**75.12.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li matul dawn il-ġimgħat kien qed ikollha diversi laqgħat mal-FSWS. Qed issir proposta biex lill-anzjani nagħmlulhom Lollipop Ladies ġewwa Birżebbuġa. Se jsir komunikat ma' diversi kunsilli oħra biex issir din l-inizjattiva.

## 75.13 Attivitajiet, kultura, żgħażagħ u sport

**75.13.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet rigward l-attività tal-Milied tas-Sibt 16 ta' Diċembru u dwar kif baqgħu l-baned minħabba l-kunċert. Is-Sindku Scott Camilleri u

l-Kunsillier Alex Caruana spjegaw li qed jaħdmu fuqha u li se jkun qed joħroġ il-poster fil-jiem li ġejjin.

**75.13.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ż-żagħżugħ minn Birżebbuġa Jake Vella jixtieq li l-Kunsill jgħin fl-inizjattiva li ħa biex jgħin l-annimali. Il-kunsilliera preżenti qablu li nixtru b'€100 ikel għall-annimali abbandunati. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil talbet ukoll sabiex jinxtraw b'€100 rigali għall-attività li l-Kunsill se jorganizza b'risq l-attività Rigal bi Mħabba. Il-kunsilliera preżenti qablu wkoll ma' din l-inizjattiva.

## 75.14 Affarijiet oħra

**75.14.01** Ma kienx hemm punti.

## 75.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**75.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19:15, wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 ta' Jannar 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 16 ta' Jannar 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |